MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 02/K7/2013<br>Laqgħa b'Urgenza |
| Data: | It-Tlieta, 23 ta' April, 2013 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku: | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera: | Sur Lino Bartolo<br>Sur Maurice Agius<br>Sur Alan Abela Wadge<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Matthew Agius<br>Sinjura Romina Galea |
| | Segretarju Ezekuttiv: | Sinjura Marita Portelli |
| Skużat: | | Sur Emanuel Brincat |

## AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat il-Ġimgħa, 19 ta'April, 2013 biex tissejjaħ laqgħa b'urġenza. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat tal-Finanzi
2. Aġġornament

| Seduta Numru 02/13 |
|---|

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat tal-Finanzi**

022 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet il-Minuti ta’ l-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi, fejn ġew approvati, b’mod unanimu, l-‘Financial Statements’ tal-2012 wara l-amendi tal-Awdituri.

023 Kopja ta’ dawn il-‘Financial Statements’ ingħatat lil membri kollha tal-Kunsill.

024 Il-Kunsill approva dawn il-minuti b’mod unanimu.

**2. Affarijiet oħra jekk Urġenti**

025 **Preżentazzjoni ta’ Proġett mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ:**

KL Żgħażagħ ppreżentaw proġett li qed jaħdmu fuqu biex jingħataw fondi biex isir monument li ser ikun jirrappreżenta l-għaqda bejn id-diversi kulturi fl-Imsida. Iż-żgħażagħ spjegaw kif, jekk jintgħażel il-proġett tagħhom f’Ġunju li ġej, huma jkollhom sa’ Settembru tal-2013 biex jattwawh. Semmew ukoll li l-fondi tal-UE ser jħallsu 75% tal-ispejjeż. Huma talbu li l-Kunsill jagħmlu tajjeb għall-25% fil-mija li jibqa u li l-Kunsill jgħin fil-promozzjoni tal-attivitajjiet li ser isiru.

026 Iż-żgħażagħ ippreżentaw xi stimi li ġabu biex issir l-iskultura. L-ispiża hija stmata madwar €5,000. Ġie kkonfermat li dan il-monument se jitpoġġa f’ Misraħ San Ġużepp, in-naħa tal-Pieta, jħares lejn l-Imsida. Barra minn hekk ser ikun hemm bżonn isiru xi laqgħat fl-iskejjel, fejn ser jingħataw ‘colouring books’, laqgħat fil-Kunsill u dawn iż-żghażagħ ser jitkellmu wkoll mal-ambaxxati u l-għaqdiet tal-immigranti. Jixtiequ jorganizzaw ukoll xi lejla kulturali u xtaqu l-għajnuna tal-Kunsill biex jippromovu l-avvenimenti li ser isiru.

027 Il-Kunsill wiegħed l-appoġġ tiegħu f’dan il-proġett u l-Kunsillier Lino Bartolo stieden liż-żgħażagħ biex jitkellmu miegħu biex anke jgħinhom fil-ġbir ta’ kwotazzjonijiet.

028 **Talba mingħand il-Klabb tal-Futbol ta’ l-Imsida St Joseph**

Il-Klabb tal-Futbol ta' l-Imsida St Joseph talbu biex jingħataw permess mill-Kunsill biex, nhar il-Ħadd li ġej, jagħlqu għal xi ħin it-triq ta' quddiem il-klabb. Dan ser isir bil-għan li jiċċelebraw li t-tim issa ser ikun fl-1 Diviżjoni.

029 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex tingħalaq il-parti tat-Triq ta' bejn l-Għassa u l-Knisja. Inġibdet l-attenzjoni li waqt il-ħin tal-quddies, ċioe bejn is-6pm u s-6.45pm, il-mużika għandha tieqaf u m'għandux ikun hemm storbju. Il-Kunsill iżomm il-Kumitat tal-Futbol responsabbli li n-nies li ser jattendu din l-avveniment iġibu ruħhom bi prudenza u li m'għandux jitħalla żibel barra. L-Organizzaturi għandhom jieħdu ħsieb huma li jġibu l-'barriers' mill-Pulizija. L-attivita' m'għandiex iddum iżjed mill-11pm.

## 3 Aġġornament

030 Is-Sindku iddikjarat l-laqgħa magħluqa fis-6.18 p.m.

Approvati llum 30 ta' April 2013.

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Marita Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |